# Epigrammi

## 89. L-ILJUN U X-XAKALL

Oh x'qilla ta' destin li mhux biss ħoloq
l-iljun felħan, qattiel u dittatur,
'mma ħoloq lix-xakall li, biex ilaqqat
li jħalli, warajh jiġri fejn imur!

## 90. IL-MILIED

Trabba fil-faqar jgħaddi l-lejl jadura
lill-Bambin żgħir, flimkien ma' ħmara u baqra;
'mma n-nies ħażżnuh, bidluh f'raġel li jgħaddi
il-lejl jiekol bla qies, jiżfen fis-sakra

## 91. KRISTU FI ŻMIENNA

Li Kristu kellu jiġi fiż-żmien tagħna
u jara l-qassisin telgħin l-altari
kollhom ħsiebhom fil-flus, fil-gost, fis-setgħa,
ma jużax sawt, 'mma l-armi nukleari.

## 92. KRISTU F'MALTA

Li Kristu kellu jiġi fiż-żmien tagħna
biex lill-Maltin igħallem ftit tjubija,
jiġrilu bħal San Pawl, isofri l-għarqa
f'ta' Malta l-baħar kbir t'ipokresija!

## 93. IX-XIĦ

Vitor ix-xiħ kull jum jixtri l-gazzetta
biex jaqra qabel xejn min ikun miet,
u jieħu gost li, waqt li n-nies imutu,
hu għadu jgħix u jbiegħ seba' saħħiet!

## 94. SIDOR

Sidor ix-xħiħ iħobb ħafna lill-qamar
illi jdawwallu d-dar minn ġot-tamboċċ,
bla ma jitolbu qatt qatra pitrolju,
bla ma jimmarka l-kont ġewwa l-arloġġ.

## 95. L-AĦĦAR ATTENTION

Pietru s-suldat *attention* perfett jagħmel,
ftaħru l-fizzjali kemm kien suldat *smart,*
iżda l-ifrem *attention* li kien għamel
għamlu quddiem il-mewt stendut mal-art.

## 96. IX-XOFFA U L-KIKKRI

Ix-xoffa ta' Katrin qatt ħadd ma biesha
bħal dik tal-kikkri sbieħ ġewwa l-vetrina;
il-kikkri merfugħin għaliex prezzjużi;
mistkerrħa minn kulħadd xoffiet Katrina!

## 97. FIL-QORTI

Daħlet b'rasha mikxufa ġewwa l-qorti;
ġagħluha tgħatti rasha b'mant daqshiex!
'mma meta xehdet riedu jaraw kollox,
ma kienx hemm ħaġa li ma kixfulhiex!

## 98. SAN GIRGOR

Ja San Girgor, illum l-antibiotics
għandna biex noqtlu l-imxijiet u l-pesta;
iżda għandna bżonnok xorta għat-turisti
biex bina jiskantaw tiegħek fil-festa.

## 99. GĦAX-XOGĦOL

Xħin mar għax-xogħol Pawlu kollox ħa miegħu,
sorra kbira bil-ħobż, xi ħaġa msajra,
saħħa ta' bagħal, idejn saqajn mibruma,
kollox hu ħa, barra tax-xogħol il-ħajra.

## 100. IT-TOILET

Kulħadd lil ismu jsemmi bil-mistħija,
kulħadd iġennbu, jagħlqu mingħajr ħniena
għax hu sinċier, għaliex juri lid-dinja
kemm il-bnedmin fihom għandhom intiena!

## 101. TEKTIK IL-QALB

Kienet kerha tal-għaġeb, u fuq qalbha
qatt ħadd ma ħabbat biex jidħol ħabib,
ħlief darba biss, meta wara taqbida
għamel xi kwarta jtektek it-tabib.

## 102. FIL-PITKALIJA

Fil-pitkalija l-qfief tal-ħawħ u l-frawli,
mill-isbaħ nett sax-xifer imfawrin;
il-wiċċ tal-qfief sabiħ, 'mma fil-qiegħ tagħhom
m'għandhomx ħlief qerq u qrusa bħall-Maltin.

## 103. LUKREZJA

Lukrezja tħobb bil-qawwa l-qattus tagħha
u tħobb li l-laħam jieklu t-tnejn flimkien,
sakemm il-laħam tagħha jkun tal-barri,
u tal-qattus ikun dak tal-ġurdien.

## 104. PATIST

Patist kien bniedem niexef, mgħaddam, sfajjar,
dejjem imqarras, dejjem wiċċu serju;
aktar minn ħaj aktarx taħsbu li mejjet
maħruġ għal ftit bi pleġġ miċ-ċimiterju.

## 105. IS-SUR ANARD

Is-sur Anard lil sħabu jikkonsulta
kull meta xi kwistjoni tinqalagħlu;
u bl' eċċezzjoni jagħżel l-opinjoni
ta' dawk li dejjem jaħsbu u jgħidu bħalu.

## 106. SUNNIE

Irid ikollok xi kwalita' tajba
biex Sunnie jsir ħabib u joħroġ miegħek;
'mma l-aktar kwalita' illi jfittixlek
hi l-ġmiel u l-ħlewwa fuq il-mara tiegħek.

## 107. FANNY

Fanny li tkun tixtieq tieħu minn żewġha
għax tibqa' ma teqafx minn diskursata;
u meta ma jċedix xorta tirbaħlu
għax flok ma tparla toqgħod issummata.

## 108. IL-VILLA T'ALLA

Li Alla kellu jibni villa f'Malta
kif jagħmlu bosta u bosta barranin,
isib, b'għafsa ta' qalb, l-irkejjen tagħha
mimlija wrina u żibel mill-Maltin.